

## II

(Komunikazzjonijiet)

**KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI  
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

(Il-Każ M.8985 — Boeing/KLX)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 401/01)

Fil-1 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negożju li jista' jkun fiċċi. Dan it-test jinstab:

- fit-taqSIMA tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovd diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32018M8985. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

---

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Bidu ta' proċeduri**

(Każ M.8713 — Tata Steel/thyssenkrupp/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 401/02)

Fil-30 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni iddeċidiet li tibda proċeduri fil-każ ta' hawn fuq wara li sabet li l-konċentrazzjoni nnotifika tqajjem dubji serji dwar il-kompatibilità tagħha mas-suq komuni. Il-bidu tal-proċeduri jifta h it-tieni fażi ta' investigazzjoni fir-rigward tal-konċentrazzjoni nnotifikata, u jsir mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali dwar il-każ. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹)

Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet li jistgħu jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Sabiex l-osservazzjonijiet jiġi kkunsidrati bis-sħiħ fil-proċedura, dawn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux iktar tard minn 15-il jum wara d-data tal-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (+ 32 22964301) jew b'imejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza Nru M.8713 — Tata Steel/thyssenkrupp/JV, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea  
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni,  
Reġistru tal-Amalgamazzjoni  
1049 Bruxelles/Brussell  
BELGIQUE/BELGIË

---

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).